Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Appell numru: 46/2012

**Untours Insurance Agents Ltd u din ghall-Qatar Insurance Agency Company Ltd kif surrogata fid-drittijiet ta' Charis Spiteri u l-istess Charis Spiteri**

**Vs**

**Simon Micallef**

It-Tlieta, 27 ta' Ottubru 2015.

Il-kaz jitratta incident tat-traffiku li sehh fl-14 ta' Frar 2008 bejn vettura CHA 233 li kienet qeghda ssuq Charis Spiteri u trukk IBM 149 li kien qieghed isuq Simon Micallef. Ir-rikorrenti ppproponew proceduri ta' arbitragg mandatorju.

B'decizjoni tal-25 ta' Ottubru 2012 l-arbitru cahdet it-talbiet tar-rikorrenti wara li kkonkludiet li l-provi cirkostanzjali kienu jikkorraboraw il-verzjoni li ta Micallef.

Ir-rikorrenti appellaw mid-decizjoni tal-arbitru u jsostnu li ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi. L-appellanti jsostnu li mir-ritratti mehmuza mar-rappport tal-warden jidhru:

*"…. l-brake marks ta' Charis Spiteri dritti xemgha mal-parti estrema tax-xellug tat-triq. Dawn il-brake marks juru li meta Charis Spiteri rat lill-intimat u ghafset il-brejk l-istess intimat kien fuq in-naha l-hazina tat-triq. Ma hemm ebda raguni logika l-ghala l-brake marks li hemm fir-ritratti 5/7 jezistu jekk mhux ghaliex l-intimat kien qed jivvjagga fuq in-naha l-hazina tat-triq"*.

i. Il-vettura ta' Spiteri tidher fil-karreggata taghha.
ii. Il-brejk marks wara l-vettura qeghdin kwazi jmissu mal-bankina.
iii. Ir-ritratti 4/7 u 7/7 juru li l-impatt fil-vettura ta' Spiteri kienet permezz ta' daqqa li qalghet b'mod angolat mil-lemin ghax-xellug.
iv. Ir-ritratt 4/7 juri brejk mark lil hin mill-vettura ta' Spiteri li hu kompletament fuq in-naha korretta tat-triq.

Il-qorti rat it-twegiba tal-appellat fejn fil-qasir qal li:

i. Il-apprezzament tal-provi li ghamlet l-arbitru m'ghandux facilment jigi disturbat mill-Qorti tal-Appell.
ii. Il-kawza prossima tal-incident kien is-sewqan hazin tal-appellanti.
iii. L-arbitru ghamlet sew li skartat id-dikjarazzjoni li ghamlet l-appellanti lill-warden li nvestigat il-kaz.

iv. Il-verzjoni tal-appellanti fiha inkonsistenzi.

v. Il-warden li nvestigat il-kaz qalet li l-brejk mark kien gej min-naha hazina tat-triq u t-trukk kien kompletament fuq in-naha tieghu tat-triq.

vi. Jaqbel ma' dak li qalet l-arbitru li minn ezami tar-ritratti li semmiet jirrizulta oggettivament li l-vettura ta' Spiteri giet mid-direzzjoni opposta tat-trukk bil-brejk u baqghet diehla fih.

Fid-decizjoni l-arbitru qalet li:

*"[....] il-provi cirkostanzjali jikkorraboraw il-verzjoni moghtija mill-intimat ossija li **l-vettura misjuqa mir-rikorrent Charis Spiteri giet mid-direzzjoni opposta tat-trukk bil-brejk u baqghet diehla fl-istess trukk**. Minhabba l-velocita li kienet gahddejja biha fi triq imharrbta hija ma setghetx tikkontrolla l-vettura taghha u tigbidha fin-naha taghha tat-triq biex tevita l-kollizzjoni".*

Il-qorti rat l-atti[1] u tosserva:-

1. Skond l-appellat il-vettura ta' Spiteri *"Fil-kantuniera baqghet sejra ghad-dritt u giet fil-karreggjata tieghi, habtet fija u nbezqet barra"*. Kompla jghid li ***"x'hin rajtha gejja ghal fuqhi, waqqaft it-trukk"*** u li qabel gew il-wardens il-vetturi baqghu f'posthom. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li:-

   (a) Jekk kif qal l-appellat kif ra l-vettura l-ohra gejja ghal fuqu waqqaf it-trukk, mela t-trukk mhux suppost jidher fil-posizzjoni li qieghed fir-ritratti u skizz. It-trukk jidher wieqaf iktar 'il fuq milll-vettura l-ohra. M'hemmx dubju li l-impatt ma sehhx fejn jidher it-trukk. Mir-ritratti hu evidenti li mal-impatt it-trukk baqa' jinstaq.

   (b) Jekk il-brejk mark li jidher fl-iskizz u ritratti hu tal-vettura CHA 233, fatt li m'huwiex kontestat mill-partijiet, hu evidenti li fejn jibda l-brejk mark hu vicin hafna tal-bankina (ara ritratt f'pagna 5 minn 7). Dan fih innifsu hu prova li qabel l-incident il-vettura tal-appellanti kienet ghaddejja mill-karreggata korretta. L-arbitru stess osservat: *"... fir-ritratt 5/7 il-brejk marks wara l-vettura tar-rikorrenti huma dritt mal-bankina fuq in-naha proprja tat-triq"*.

   (c) L-arbitru qalet li mir-ritratt 5/7 jidher li l-brejk marks tar-rota ta' gewwa baqghu hergin 'il barra mill-bankina lejn nofs it-triq. Dan hu veru. Kompliet tghid il *"L-istess brejk mark fir-ritratt 4/7 jidher 'il barra mill-bankina quddiem il-vettura VW"*. Il-qorti tosserva li dan il-brejk mark ma jidhirx fl-iskizz tal-warden, ghalkemm jidher fir-ritratt 4/7. Jekk il-brejk mark li

[1] Fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2015 id-difensuri tal-partijiet irriferew ghall-atti u li l-qorti setghet tghaddi ghas-sentenza.

jidher fir-ritratt 4/7 hu kontinwazzjoni tal-brejk mark li jidher fir-ritratt 5/7, ifisser li l-brejk mark kien iktar minn 16.7 metri[2]. Pero' l-qorti ghandha dubju serji kemm il-brejk mark li jidher fir-ritratt 4/7 thalla mill-vettura ta' Spiteri. Qieghed jinghad hekk ghaliex f'ritratt 7/7 fl-art ma'gemb il-vettura ta' Spiteri jidher materjal li waqa' mill-vettura ta' Spiteri. Dan jaghti lill-qorti x'tifhem li dak il-punt kien fejn sehh l-impatt bejn iz-zewg vetturi (*spot of impact*). Stabbilt dan, mir-ritratti 4/7 u 5/7 l-indikazzjoni hi li l-impatt sehh lejn nofs it-triq. Sfortunatament l-iskizz tal-warden ma jidhirx li jista' jkun ta' ghajnuna peress li jidher li m'huwiex skalat. Madankollu l-qorti tikkonkludi li mir-ritratti 4/7 u 5/7 jirrizulta li l-appellat ma qalx il-verita meta xehed:

*"Kont qed insuq fil-karreggata tieghi, man-naha tal-bankina,* ***kemm ma naqbadx l-istess bankina****"* (enfazi tal-qorti).

(d) Hu veru li l-warden xehedet li t-trukk tal-konvenut *".... Kien kompletament fuq in-naha tieghu tat-triq"*. Madankollu dan kien ghas-semplici raguni li kif sehh l-impatt it-trukk baqa' jsuq. Dan apparti li l-qorti ma tistax tonqos milli tosserva n-nuqqasijiet li hemm fir-rigward tal-investigazzjoni tal-warden. Hekk per ezempju:

- Fil-verzjoni ta' Spiteri li hemm fil-*prime note* tal-warden jinghad:-

  *"Kont gejja mis-side tieghi. Kif gejt fid-dawra insib lil tat-trukk fuq in-naha tieghi.*
  *Hu qalli jekk ma weggajtx u ammetta li* ***ma kienx fuq in-naha tieghi****"* (enfazi tal-qorti).

  Jekk ammetta xi haga dan kellu jkun li kien *wrong side*, in kwantu ma jaghmilx sens li jammetti li kien qieghed isuq fil-karreggata li skond ir-regolamentit tat-traffiku kellu jghaddi minnha. Hu veru li jidher li Spiteri ffirmat din id-dikjarazzjoni, pero' m'hemmx dubju li l-ahhar parti tad-dikjarazzjoni ma taghmilx sens mal-kumplament tad-dikjarazzjoni fejn jinghad: *"Kif gejt fid-dawra* ***insib lil tat-trukk fuq in-naha tieghi****"*.

- Skizz li jidher li m'huwiex skalat u fuqu lanqas m'hemm il-kejl ta' wisa' tat-triq kuntrarjament ghal dak li jidher fl-iskizz li sar fuq il-post tal-incident fejn hemm kejl ta' 5.3 metri.

[2] Dan hu l-kejl registrat mill-warden li nvestigat il-kaz.

- Kejl fl-iskizz li ma jaqbilx ma' dak tal-iskizz li sar fuq il-post. Hekk per ezempju minn punt f sa g hemm il-kejl ta' 4.7 metri mentri mill-iskizz li sar fuq il-post tal-incident il-kejl ta' 4.7 metri hu mill-punt f sa h.
- Minn fejn jibda l-brejk mark, ma jirrizultax li ttiehed kejl bejn dak il-punt u l-bankina tan-naha tal-karreggata minn fejn kienet ghaddejja Spiteri. Mela ma nafux kemm il-parti ta' wara tal-vettura ta' Spiteri kienet 'il barra mill-bankina minn fejn beda l-brejk mark.
- Skizz li ma jindikax il-bicciet li waqghu mill-vettura ta' Spiteri u jidhru fir-ritratt 7/7.
- Jirrizulta li nhargu zewg skizzi differenti. Fil-fatt l-appellanti pprezentaw skizz (Dok. C) li ma jaqbel xejn mal-iskizz li pprezentat il-warden (Dok. MM2) meta xehedet fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2012. Bizzejjed jinghad li fl-iskizz li pprezentaw l-appellanti lanqas biss jidher il-brejk mark u l-posizzjoni tat-trukk hi totalment differenti minn kif jidher fid-dokument MM2. Madankollu lix-xhud ma sarulha l-ebda domandi in kontro-ezami mill-appellanti.
- Fl-iskizz tal-*prime note* hemm kejl tal-wisa' tat-triq ta' 5.30 metri, pero' mbaghad hemm kejl ta' 4.7 metri mill-bankina sal fanal ta' quddiem (naha tal-passiggier) tal-vettura CHA 233 u 2.5 metri minn dik il-parti tal-vettura sal-bankina fuq in-naha l-ohra tat-triq, li jfisser wisa' ta' 7.2 metri. Il-qorti ma tistax tifhem kif hemm din id-diksrepanza.

(e) Hu veru li l-warden Marita Micallef xehedet: *"Hemm brake mark tal-vettura A hija ta' 16.7m.* ***Il-brejk mark giet min-naha hazina tat-triq****……."*. Dak li jidher fl-iskizz tal-prime note hu differenti mill-iskizz Dok. MM2. Fl-iskizz tal-prime note ma jirrizultax li l-brejk mark *'giet min-naha hazina tat-triq'*. L-arbitru stess irrimarkat: *"Pero' kif osservaw ir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, fir-ritratt 5/7 il-brejk marks wara l-vettura tar-rikorrent huma dritti mal-bankina fuq in-naha proprja tat-triq"*.

2. Il-qorti ma taqbilx mal-arbitru meta qalet: *"3. Mir-ritratt 4/7 jidher ukoll li minn fejn kienet gejja Charis Spiteri* ***hemm liwja lejn il-lemin*** *u ghalhekk jekk il-brejk marks baqghu sejrin ghad-dritt (kif jidhru fir-ritratt 5/7), dawn il-brejk marks kienu gejjin min-nofs it-triq u mhux minn mal-bankina…"*. Il-qorti tosserva li mid-direzzjoni fejn kienet sejra l-vettura ta' Spiteri, il-liwja hi ghax-xellug. Inoltre l-brejk mark li jidher fir-ritratt 5/7 ma jaghti l-ebda indikazzjoni li l-vettura ta' Spiteri kienet gejja min-nofs it-triq, anzi jidher vicin il-bankina li hemm fil-karreggata minn fejn kienet ghaddejja l-vettura tal-appellanti. L-istess jinghad fir-rigward tal-iskizz li sar mill-warden fil-post tal-incident (ara prime note).

3. Wara li l-qorti kkunsidrat il-provi hi tal-fehma li l-verzjoni ta' l-appellanti hi ferm iktar kredibbli minn dik tal-appellat. Meta tqies dak li jidher fir-ritratt il-qorti ma tistax temmen lill-appellat li:

   (a) kif ra l-vettura tal-appellanti, waqqaf it-trukk. Tant hu hekk li t-trukk jidher wieqaf iktar 'il fuq mill-vettura tal-appellanti.
   (b) l-vettura ta' Spiteri *"…. giet fil-karreggata tieghi"*. Ir-ritratti juru li l-vettura tal-appellanti ma dahlitx fil-karreggata opposta.
   (c) *"Kont qed insuq fil-karreggata tieghi, man-naha tal-bankina, kemm ma naqbadx l-istess bankina"*. Jekk hu hekk l-impatt ma kienx isehh fejn tidher il-vettura tal-appellanti fir-ritratt 7/7 (ara x'intqal hawn fuq dwar *spot of impact*).

   Fuq bazi ta' probabilita tqies li l-appellanti bbrekjat proprju ghaliex it-trukk kien ghallinqas f'parti minnu fil-karreggata tal-vetturi sejrin fid-direzzjoni tas-Salina. Ghalkemm fir-ritratt 5/7 jidher brejk mark hiereg lejn in-nofs tat-triq, pero' dak hu stadju meta l-brejks tal-vettura ta' Spiteri kienu diga' gew applikati.

   Il-qorti ma taqbilx mal-arbitru meta skartat il-verzjoni li l-appellanti tat lil warden. Hu altru milli evidenti li dik il-parti tad-dikjarazzjoni li taqra: *"… u ammetta li ma kienx fuq in-naha tieghi"* mhu xejn ghajr zball tal-warden gialadarba fl-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni jinghad li Spiteri qalet li *"fid-dawra insib lil tat-trukk **fuq in-naha tieghi**"* (enfazi tal-qorti).

   Kif qal l-appellat hu minnu li l-appellanti xehedet li kienet qeghda ssuq b'madwar 40km fis-siegha. Il-probabilita hu li l-appellanti kienet qeghda ssuq b'iktar speed. Pero' fil-fehma tal-qorti dan ma kienx il-kagun tal-incident. Inoltre, ghalkemm l-appellanti qalet li *"Ma niftakarx li hallejt brejk mark"*, ma jfissirx li l-verzjoni li tat dwar kif sehh l-incident ghandha tigi skartata.

   Il-qorti tqies li f'dan il-kaz hemm elementi ta' provi li kellhom iwasslu lill-arbitru biex tilqa' t-talbiet tal-appellanti.

4. Fir-rigward tad-danni jirrizulta li l-appellanti Spiteri thallset is-somma ta' €7,919.87 wara li kienet hallset l-excess ta' €81.53 bhala excess.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tilqa' l-appell u tirrevoka d-decizjoni tal-arbitru tal-25 ta' Ottubru 2012 u filwaqt li tiddikjara li Simon Micallef kien unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku in kwistjoni, tikkundannah ihallas lill-appellanti:**

1. **Untours Insurance Agents nomine s-somma ta' sebat elef tmien mija u tmienja u tletin ewro u erba' u tletin centezmu (€7,838.34).**

2. **Charis Spiteri s-somma ta' wiehed u tmenin ewro u tlieta u hamsin centezmu (€81.53);**

**bl-ispejjez kollha kontra l-appellat u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-proceduri ta' arbitragg**.

Anthony Ellul.